MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 540/2023 LM

**Agostino Duca (K.I. nru. 72855M), Maria Anna sive Anna Duca (K.I. nru. 140557M) u Edward John Saviour Duca (K.I. nru. 43183M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fil-31 ta' Ottubru, 2023, mir-rikorrenti **Agostino Duca (K.I. nru. 72855M), Maria Anna sive Anna Duca (K.I. nru. 140557M)** u **Edward John Saviour Duca (K.I. nru. 43183M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn issottomettew dan li ġej:

> 1. *Illi r-rikorrenti Edward John Saviour Duca huwa l-proprjetarju tal-fond ossija t-*townhouse *bin-numru mija u tlettax (113), Triq Rodolfu, Sliema, filwaqt li r-*

*rikorrenti l-oħra u ċioe Agostino u Maria Anna sive Anna Duca huma l-użufruttwarji tal-istess fond.*

2. *Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tas-17 ta' Settembru, 1982, Agostino Duca tul iż-żwieġ tiegħu ma' martu Anna Duca akkwistaw in-nofs indiviż tal-fond mertu ta' din il-kawża flimkien ma' Saverio Frendo li akkwista r-rimanenti nofs indiviż, kif jirriżulta mid-dokument li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dokument A'****.*

3. *Illi Francesco Saverio Frendo ttrasferixxa n-nofs indiviż tiegħu lil Agostino u Anna Duca b'titolu ta'* datio in solutum *u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tat-3 ta' Lulju, 1990, kif jirriżulta mid-dokument li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dokument B'****.*

4. *Illi sussegwentement u ċioe permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef tas-6 ta' Jannar, 2021, Maria Anna sive Anna Duca u żewġha Agostino Duca ttrasferew b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli a favur binhom Edward John Saviour Duca l-fond* de quo *ossia t-*townhouse *bin-numru mija u tlettax (113), Triq Rodolfu, Sliema, b'dana illi l-konjuġi Duca rriservaw favur tagħhom l-użufrutt* vita durante, *kif jirriżulta mid-dokumenti li qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala* ***'Dokument Ċ'****.*

5. *Illi l-fond in kwistjoni kien oriġinarjament mikri mill-antekawża tar-rikorrenti lil Dolores Alden u żewġha snin kbar ilu tant illi meta huma akkwistaw in-nofs indiviż fis-sena 1982, il-fond in kwistjoni kien diġà mikri lill-istess versu l-kera ta' LM28 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem u sa 2019 bil-kera ta' €190 fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009.*

6. *Illi l-inkwilina Dolores Alden irritornat iċ-ċavetta tal-fond mertu tal-kawża f'Lulju 2019 stante li minħabba l-età avvanzata tagħha, hija kellha tittieħed f'dar tal-anzjani u mietet f'Awwissu 2023.*

7. *Illi għalkemm il-perijodu tal-kirja kienet biss għal sena li tiġġedded minn sena għal sena, ir-rikorrenti ma kellhom ebda dritt jirrifjutaw li jġeddu din il-kirja u wisq anqas jgħollu l-kera għajr dik stipulata permezz tal-Att X tal-2009.*

8. *Illi l-kera li Dolores Alden kienet tħallas kien wieħed irriżorju meta kkumparat mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà li huwa ferm aktar minn dak stabbilit bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li poġġew is-sidien f'pożizzjoni fejn kienu marbutin ma' kera li fond seta' f'xi żmien iġib fl-4 t'Awwissu, 1914; liema dispożizzjonijiet ġew mibdula b'mod ineffettiv bl-Att X tal-2009 u bl-Att XXIV tal-2021.*

9. *Illi s-sidien sofrew minn nuqqas ta'* 'fair balance' *bejn l-interessi ġenerali tal-komunità u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Kawża ta' nuqqas ta' bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini, wassal biex jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

10. *Illi minkejja l-Att XXIV tal-2021 li ddaħħal sabiex itaffi d-diskriminazzjoni u l-inġustizzji li l-liġijiet speċjali tal-kera kienu joħolqu versu s-sidien tal-proprjetà , din l-istess liġi bl-ebda mod ma taħseb sabiex tirrimedja għal dak kollu li sofrew ir-rikorrenti qabel Ġunju 2021.*

11. *Illi din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawża fl-ismijiet* ***B&S Agencies Limited vs Melita Mamo u l-Avukat tal-Istat deċiża fil-15 ta' Jannar, 2021*** *ikkristallizzat il-pożizzjoni tagħha rigwardanti l-inkostituzzjonalità tal-liġjiet tal-kera* in vigore *sa qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ f'Ġunju, 2021, ossija l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 fil-konfront ta' sidien ta' proprjetà.*

12. *Illi għalhekk ir-rikorrenti jissottomettu li huma sofrew leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom ta' proprjetà kif sanċiti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u dan billi s-sid b'mod diskriminatorju kien qiegħed jiġi privat u mċaħħad mit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu mingħajr ma ngħata kumpens xieraq għal tali privazzjoni għal dawk is-snin kollha.*

***Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex:***

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tal-konjuġi Duca, l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, u dan għal diversi snin twal, taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lil Dolores Alden u żewġha, tal-fond bin-numru mija u tlettax (113), Triq Rodolfu, Sliema, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-konjuġi Duca kif sanċiti* inter alia *fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u ta' dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti konjuġi Duca għandhom jingħataw ir-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni.*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti sa Lulju 2019, mill-konjuġi Duca b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 talli ma nżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin stante li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni.*

3. *Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mill-konjuġi Duca wkoll ai termini tal-Liġi.*

4. *Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*
5. *Tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat'], li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Diċembru, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"Jgħid bil-qima:*

1. *Ir-rikorrent Edward John Saviour Duca m'għandu l-ebda titolu għall-kirja in kwistjoni stante li l-użufrutt jappartjeni lil ħaddieħor.*
2. *It-talbiet rikorrenti huma infondati in kwantu jallegaw ksur tal-artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan għaliex id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69: (i) joperaw f'qafas legali; (ii) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi; (iii) għandhom għan leġittimu fl-interess pubbliku; u (iv) huma proporzjonali.*
3. *Bla preġudizzju għal dak diġà eċċepit, jekk* dato ma non concesso *kien hemm ksur tal-artikolu 1 Protokoll 1 tali ksur ma setax jipperdura wara s-sena 2019 u dan wara li l-inkwilini ma baqgħux jokkupaw il-fond in kwistjoni.*
4. *Bla preġudizzju għal dak diġà eċċepit, jekk* dato ma non concesso *kien hemm ksur tal-artikolu 1 Protokoll 1 tali ksur ma setax eżista qabel it-30 t'April, 1987, skont ma jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, jew qabel ma r-rikorrenti kellhom titolu ta' kera fuq il-fond skont liema data tiġi l-aħħar.*
5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2024, din il-Qorti ħatret lill-**Perit Rene Cutajar** bħala Perit Tekniku Ġudizzjarju, sabiex wara li jaċċedi fil-fond mertu ta' dawn il-

proċeduri jistabbilixxi l-valur lokatizju tal-istess fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà mill-1 t'Awwissu, 1987 sal-2019 b'intervalli ta' ħames snin kull wieħed. Il-Perit Cutajar ippreżenta r-rapport tiegħu fl-4 ta' April, 2024, u ħalfu fl-10 ta' Mejju, 2024.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza, wara li l-partijiet ingħataw il-fakultà li jressqu noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Jirriżulta li r-rikorrenti Agostino u Maria Anna konjuġi Duca, kienu, għal bosta snin, is-sidien tal-fond bin-numru 113, Triq Rodolfu, tas-Sliema [minn issa 'il quddiem 'il-fond'], li huma akkwistaw kwantu għas-sehem ta' nofs indiviż permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Settembru, 1982, u n-nofs indiviż l-ieħor b'titolu ta' *dation in solutum,* permezz ta' kuntratt tat-3 ta' Lulju, 1990. Permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Jannar, 2021, huma ttrasferew il-fond favur binhom Edward John Saviour Duca, filwaqt li żammew l-użufrutt *vita durante* fuq l-istess fond. Jirriżulta wkoll li għal bosta snin dan il-fond kien mikri l-ewwel lil Domenica Alden, u sussegwentement lil bintha Dolores Alden, b'kera irriżorja li ma tirriflettix il-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà. Meta r-rikorrenti akkwistaw il-fond, dan kien diġà mikri lill-familja Alden. Ir-rikorrenti jgħidu li sakemm kienu għadhom ħajjin l-inkwilini, huma kienu kostretti jibqgħu jġeddu l-kirja tal-fond għal sena wara oħra, filwaqt li qatt ma setgħu jawmentaw il-kera b'mod li jibdew jirċievu kirja li tirrifletti l-valur lokatizju tal-fond fis-suq, u għalhekk it-tħaddim tal-liġi li tirregola kirjiet bħal dawn, naqset milli toħloq bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini. Ir-rikorrenti qalu li

għalkemm l-emendi leġislattivi introdotti bl-Att XXIV tal-2021, saru sabiex jirrimedjaw għall-inġustizzji sofferti minn sidien bħalhom, il-liġi kif ippromulgata ma tagħti l-ebda rimedju lil sidien bħalhom li kienu ilhom għal bosta snin isofru leżjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti kemm bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti allegaw ukoll diskriminazzjoni bi ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex bħala sidien huma ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom għal bosta snin. Permezz tat-talbiet tagħhom lil din il-Qorti, ir-rikorrenti talbu li jiġi ddikjarat li fil-konfront tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-inkwilini Alden fir-rigward tal-fond, u dan bi ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti talbu wkoll li jiġi ddikjarat li l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u għad-danni sofferti minnhom sa Lulju tal-2019, b'konsegwenza tat-tħaddim tal-liġijiet viġenti, għaliex ma nżamm l-ebda bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini. Ir-rikorrenti talbu wkoll lil din il-Qorti tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilhom, u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess.

4. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrent Edward John Saviour Duca ma jirċievi l-ebda kera mill-fond, in vista tal-użufrutt li għandhom ir-rikorrenti konjuġi Duca, u għalhekk huwa m'għandu jedd għall-ebda kumpens. Eċċepixxa wkoll li m'hemm l-ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u li fi kwalunkwe każ ma kien hemm l-ebda ksur tal-jeddijiet tas-sidien wara l-2019, u lanqas qabel it-30 t'April, 1987, sabiex b'hekk kwalsiasi kumpens li ser jiġi likwidat favur is-sidien għandu jkun limitat għal dan il-perijodu ta' żmien.

**Provi u riżultanzi**

5. Flimkien mar-rikors promutur tagħhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tas-17 ta' Settembru, 1982, li permezz tiegħu Agostino u Anna konjuġi Duca akkwistaw in-nofs indiviż tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, filwaqt li Saverio Frendo akkwista n-nofs indiviż l-ieħor[1]; kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tat-3 ta' Lulju, 1990, li permezz tiegħu Francesco Saverio Frendo ttrasferixxa n-nofs indiviż tiegħu lill-konjuġi Duca b'titolu ta' *datio in solutum*[2]; u kopja tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef tas-6 ta' Jannar, 2021, li permezz tiegħu l-konjuġi Duca ttrasferew il-fond b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli favur binhom Edward John Saviour Duca, b'dan illi l-konjuġi Duca rriservaw favur tagħhom l-użufrutt fuq il-fond *vita durante.*

6. Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Maria Anna sive Anna Duca**[3], li spjegat li l-fond kien oriġinarjament akkwistat mir-raġel tagħha Agostino tul iż-żwieġ kwantu għal nofs indiviż, filwaqt li n-nofs indiviż l-ieħor kien akkwistat minn missierha Saverio Frendo permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tas-17 ta' Settembru, 1982. Qalet li permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tat-3 ta' Lulju, 1990, missierha Francesco Saverio Frendo ttrasferixxa n-nofs indiviż ta' dan il-fond lilha u lir-raġel tagħha b'titolu ta' *datio in solutum,* filwaqt li b'kuntratt sussegwenti tas-6 ta' Jannar, 2021, fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef, hi u r-raġel tagħha ttrasferew il-fond b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli favur it-tifel tagħhom Edward John Saviour, filwaqt li rriservaw favur tagħhom id-dritt tal-użufrutt *vita durante.* Qalet li l-fond in

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 27 tal-proċess.

kwistjoni mhuwiex fond dekontrollat, u meta l-fond kien ġie akkwistat minnhom, dan kien mikri lil Domenica Alden b'kera ta' LM28 fis-sena, ekwivalenti għal €65.22 fis-sena. Qalet li Dolores Alden baqgħet tħallas dan l-ammont ta' kera sas-sena 2009, hekk kif fis-sena 2010 il-kera għoliet għal €185 fis-sena. Ir-rikorrenti Maria Anna sive Anna Duca qalet li l-fond kien mikri meta ġie akkwistat minnha u mir-raġel tagħha, u meta l-inkwilina Domenica Alden mietet lejn l-aħħar tas-snin tmenin, fil-fond baqgħet tirrisjedi bintha Dolores, li maż-żmien bdiet tħallas awmenti fil-kera skont l-għoli tal-ħajja. Ir-rikorrenti tat rendikont tal-kirjiet perċepiti minnha u mir-raġel tagħha tul is-snin. Ir-rikorrenti qalet li llum il-ġurnata Dolores Alden ġiet nieqsa wkoll, imma minkejja li dan il-fond oriġinarjament kien inkera għal perijodu ta' sena, li kien jiġġedded minn sena għal sena, is-sidien tal-fond qatt ma setgħu jkeċċu lill-inkwilini jew jgħollu l-kera għal valur li jirrifletti l-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ. Qalet li għalhekk tul is-snin hi u r-raġel tagħha, u għal xi żmien anke missierha, irċevew ammont ta' kera li kien ferm anqas minn dak li setgħu jdaħħlu li kieku l-fond inkera fis-suq miftuħ tal-proprjetà. Qalet ukoll li minkejja li hi u r-raġel tagħha kienu s-sidien tal-fond, uliedhom kellhom jissellfu sabiex setgħu jixtru darhom, għaliex huma qatt ma setgħu jirriprendu l-pussess tal-fond. Ir-rikorrenti qalet li bil-liġijiet kif mibdula, hi u r-raġel tagħha spiċċaw qatt ma ngħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-fond, u dan għaliex il-kera li titħallas mhijiex viċin il-valur lokatizju reali tiegħu. Qalet ukoll li l-uniku kumpens li rċevew is-sidien kien dak marbut maż-żieda permessa bl-Att X tal-2009, liema żieda xorta waħda hija minima meta mqabbla mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà. Qalet li l-liġijiet tal-kera ċaħħdu lis-sidien mill-jeddijiet proprjetarji tagħhom, u huma mhux biss baqgħu ma rċevewx kumpens adegwat, iżda din s-sitwazzjoni kkawżat sproporzjon kbir bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini. Ir-rikorrenti qalet li dawn il-proċeduri ġew istitwiti

bil-pretensjoni ta’ ħlas ta’ kumpens għad-danni pekunjarji u morali sofferti mis-sidien.

7. Ir-rikorrenti Maria Anna sive Anna Duca ppreżentat ukoll kopja taċ-ċertifikat maħruġ minn Identità Malta li jindika li l-fond in kwistjoni qatt ma ġie dekontrollat.[4] Ippreżentat ukoll kopja tar-*records* tal-ħlasijiet tal-kera li saru minn Alden tul is-snin[5], kopja tar-reġistru elettorali għas-snin rilevanti[6], u kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta’ Dolores Alden.[7]

8. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju **Rene Cutajar**, fir-rapport tiegħu[8] spjega li huwa għamel aċċess fil-fond fit-22 ta’ Marzu, 2024, fil-preżenza tar-rikorrenti. Qal li l-fond jikkonsisti f’dar bi tliet kmamar tas-sodda fuq żewġ sulari, u għandu l-arja tiegħu, b’parti mill-kmamar tas-sodda fuq l-ewwel sular, sovrastanti għall-fond ta’ terzi fil-pjan terran. Qal li l-fond għandu *footprint* ta’ madwar 109 metri kwadri fil-pjan terran u madwar 65 metri kwadri fl-ewwel sular. Qal li waqt l-aċċess seta’ jikkonstata li l-fond għandu bżonn manutenzjoni sinifikanti, minkejja li fil-passat kien jintuża bħala residenza. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju kkonstata li s-soqfa u l-ħitan huma mkaħħla u miżbugħa, bis-servizzi mgħoddija fuq is-superfiċi tal-ħitan u soqfa, bl-art iċċangjata b’madum tradizzjonali tas-siment, filwaqt li l-aperturi tal-fond huma tal-injam. Qal li l-finituri għandhom bżonn manutenzjoni sabiex il-fond ikun jista’ jerġa’ jintuża għal skop ta’ abitazzjoni. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju spjega li l-faċċata tal-fond hija waħda ornata, bil-bieb ta’ barra bil-lavur, u b’niċċa li hija mniżżla bħala parti mill-Inventorju Nazzjonali tal-Proprjetà Kulturali, li taqa’ taħt is-Sovrintendenza tal-

[4] *A fol.* 30 tal-proċess.
[5] *A fol.* 31 tal-proċess.
[6] *A fol.* 33 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 tal-proċess.
[8] *A fol.* 49 tal-proċess.

Patrimonju Kulturali, u bħalissa għaddej xogħol estensiv fuq il-faċċata tiegħu. Il-Perit Cutajar spjega li l-fond jinsab f'Żona ta' Konservazzjoni Urbana, bl-għoli u d-disinn tal-fond ikun iddeterminat mill-kuntest li jinsab fih. L-għoli tal-fond huwa limitat għal żewġ sulari mingħajr *semi-basement*. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju qies li l-fond huwa kopert bil-permessi għaliex jidher fis-*survey sheet* tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-1967. Il-Perit Tekniku Ġudizzjarju spjega li l-valur tal-fond fis-suq miftuħ huwa ta' €580,000, filwaqt li għamel skeda bil-valur lokatizji tal-fond kull ħames snin, bil-valur lokatizju ta' €1,929 fis-sena 1987, għall-valur lokatizju ta' €27,600 fis-sena 2019.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

9. Din il-Qorti tinsab sodisfatta mill-provi miġjuba mir-rikorrenti konjuġi Duca, li huma kienu għal bosta snin sidien tal-fond, u għalkemm illum is-sid tal-fond huwa t-tifel tagħhom Edward John Saviour Duca, kwalsiasi jedd ta' kumpens minħabba ksur tal-jeddijiet fundamentali jispetta biss lill-konjuġi Duca, li kienu s-sidien tal-fond sakemm il-kirja ġiet fi tmiemha bil-mewt tal-inkwilina Dolores Alden fl-2019. Fil-fatt it-trasferiment b'titolu ta' donazzjoni mill-konjuġi Duca favur it-tifel tagħhom, sar b'kuntratt tas-6 ta' Jannar, 2021, u b'hekk fi żmien meta din il-kirja kienet diġà ġiet fi tmiemha, u għalhekk iben il-konjuġi Duca ma jistax jitqies li huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, in vista tan-natura tal-azzjoni. M'hemm l-ebda dubju lanqas, u l-Qorti tagħmel enfasi dwar dan għaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jagħmlu riferiment kontinwu għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, mentri l-kirja favur l-inkwilini Alden kienet waħda regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ksur li jilmentaw minnu r-rikorrenti kien minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja li r-rikorrenti, fil-premessi tar-rikors tagħhom jgħidu li ċ-ċirkostanzi odjerni huma leżivi tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma llimitaw it-talbiet tagħhom fir-rigward tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk din il-Qorti sejra tillimita ruħha għal stħarriġ taħt dan l-Artikolu.

11. Tikkunsidra li l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il-Konvenzjoni Ewropea'] jipprovdi li:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

12. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa 'il quddiem 'il-Qorti Ewropea'], il-kontroll fuq il-kera, u r-restrizzjonijiet fuq it-tmiem ta' kuntratt ta' kera, jikkostitwixxu kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tal-individwu a tenur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. B'hekk il-każ għandu jiġi kkunsidrat taħt it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, iżda sabiex l-indħil tal-Istat jista' jitqies li jimmerita eżenzjoni minn din ir-regola ġenerali, hemm bżonn li l-indħil ikun seħħ bis-saħħa ta' liġi, l-iskop tiegħu jkun wieħed leġittimu, u jilħaq bilanċ bejn l-għan soċjali tal-komunità, u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.[9]

[9] Ara Bradshaw and Others v. Malta, App. Nru. 37121/15, 23.10.2018.

13. Il-Qorti tibda billi tgħid li m'hemm l-ebda dubbju li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 kif emendat minn żmien għal żmien, saru taħt qafas legali. Mhuwiex ikkontestat li fiż-żmien li ttieħdet il-miżura permezz tal-promulgazzjoni ta' diversi liġijiet, intiżi għall-kontroll tal-użu tal-proprjetà, l-għan kien wieħed leġittimu. Dan għaliex fis-snin ta' wara ż-żewġ gwerer, kien meħtieġ l-intervent leġislattiv tal-Istat sabiex jiġi assigurat li kulħadd kellu akkomodazzjoni xierqa, u kien għalhekk li tfasslu diversi liġijiet sabiex jintlaħqu ċ-ċirkostanzi soċjali ta' ħafna nies.

14. Fir-rigward tat-tieni element, jiġifieri li l-iskop irid ikun wieħed leġittimu, dan l-element ukoll jinsab sodisfatt, u dan għaliex il-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali huwa wieħed mill-għanijiet li għandhom jaqdu l-gvernijiet sabiex jassiguraw li l-interess pubbliku jintlaħaq ukoll fil-kuntest tal-akkomodazzjoni soċjali. Il-Qorti tgħid li madankollu din id-diskrezzjoni tal-Istat għandha l-limiti tagħha ċirkoskritti permezz tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li għalkemm l-Istat huwa f'pożizzjoni li jagħraf il-bżonnijiet tas-soċjetà fit-tqassim ġust tal-ġid tal-pajjiż, dan m'għandu l-ebda dritt assolut li jfixkel liċ-ċittadin fit-tgawdija tal-proprjetà tiegħu.

15. Huwa fir-rigward it-tielet element, jiġifieri l-ħtieġa li jinżamm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien, li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw, u dan għaliex fil-fehma tagħhom il-liġijiet applikabbli qegħdin joħonqu l-bilanċ li għandu jkun hemm bejn il-jeddijiet tas-sidien fuq naħa waħda, u l-jeddijiet tal-inkwilini fuq in-naħa l-oħra.

16. Fis-sentenza fl-ismijiet **James and Others v. UK**[10], il-Qorti Ewropea spjegat il-kunċett ta' interess pubbliku kif ġej:

*"a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, "depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest … The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken".*[11]

17. Din is-silta tispjega dak l-eżerċizzju li għandha tagħmel il-Qorti fl-investigazzjoni tagħha tal-allegat ilment ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' tgawdija ta' proprjetà:

*"56. In each case involving an alleged violation of Article 1 of Protocol No. 1, the Court must ascertain whether by reason of the State's interference, the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see* Amato Gauci, *cited above, §57). In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of."*[12]

18. Il-Qorti tagħraf li b'hekk twieled il-prinċipju ta' proporzjonalità. Tgħid li tenut kont il-valuri lokatizji annwali mogħtija mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju mis-sena 1987 'l hawn, u anki tenut kont il-valur lokatizju fis-sena 2019, li hija s-sena li fiha l-fond spiċċa battal wara li ġiet nieqsa l-inkwilina, u meħud in konsiderazzjoni (a) il-kera baxxa perċepita mir-rikorrenti minkejja l-awmenti li pprovda għalihom il-leġislatur bid-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009, u li bl-ebda mod raġonevoli ma jista' jingħad li dawn ammeljoraw il-pożizzjoni tas-sidien; u

[10] App. 8793/79, 21.02.1986.
[11] Ara wkoll Q.Kost. 55/2009, Victor Gatt et *vs.* Avukat Ġenerali et, 05.07.2011, u Q.Kost. 467/1994, Cutajar noe *vs.* Il-Kummissarju tal-Art et, 30.11.2001.
[12] Bradshaw and Others v. Malta *supra.* Ara wkoll App. 1046/12, Zammit and Attard Cassar v. Malta, 30.07.2015.

(b) li ma tressqet l-ebda prova jew sottomissjoni min-naħa tal-intimat Avukat tal-Istat sabiex jiġġustifika għaliex il-każ odjern kien jimmerita l-indħil tal-Istat, partikolarment quddiem sitwazzjoni fejn il-qagħda finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż tjiebet sostanzjalment miż-żmien li fih saret il-liġi in kwistjoni, il-konklużjoni hija li f'dan il-każ ma ntlaħaqx proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini.

19. Il-Qorti trid tippuntwalizza li l-perijodu ta' żmien rilevanti għall-fini tal-komputazzjoni li trid issir fir-rigward tal-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti huwa għas-sehem ta' nofs indiviż għall-perijodu bejn it-30 ta' April, 1987 u t-3 ta' Lulju, 1990, u kwantu għas-sehem sħiħ għall-perijodu bejn l-4 ta' Lulju, 1990 sal-31 ta' Lulju, 2019, għad li ma ngħatat l-ebda indikazzjoni tad-data preċiża meta ċ-ċwievet tal-fond ġew ritornati lir-rikorrenti. Il-Qorti sejra tikkomputa kumpens li jirrifletti s-sehem tan-nofs indiviż li kellhom ir-rikorrenti għall-perijodu bejn it-30 ta' April, 1987 u t-3 ta' Lulju, 1990, f'liema data huma saru sidien tal-intier tal-fond, għaliex ma nġabet l-ebda prova dwar kif kienet regolata s-suċċessjoni ta' missier ir-rikorrenti, jiġifieri Saverio Frendo, li f'dan il-perijodu kien is-sid tan-nofs indiviż l-ieħor tal-fond, u l-Qorti m'hija sejra tippreżumi xejn f'dan ir-rigward.

20. In vista tas-sejbien li kien hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti konjuġi Duca, il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar Torregiani *vs.* Avukat Ġenerali et**[13], il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjoni-ijiet, dwar in-natura tad-danni li għandhom jiġu likwidati f'kawżi ta' din ix-xorta:

> *"Għalkemm huwa minnu illi l-valur tal-kumpens akkordat mill-Qorti wara sejba ta' leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali ma jekwiparax neċessarjament ma' likwidazzjoni*

[13] 29.04.2016.

*ta' danni ċivili attwali sofferti, ma jfissirx li d-danni materjali għandhom jiġu injorati għall-finijiet tal-eżerċizzju odjern. Il-Qorti trid tqis il-fatturi kollha rilevanti għall-każ odjern sabiex tasal għad-determinazzjoni tal-quantum. Dawn huma: (i) it-tul ta' żmien li ilha sseħħ il-vjolazzjoni konsidrat ukoll fid-dawl tat-tul ta' żmien li r-rikorrenti damu sabiex ressqu l-proċeduri odjerni biex jirrivendikaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom; (ii) il-grad ta' sproporzjoni relatat mal-introjtu li qed jiġi perċepit ma' dak li jista' jiġi perċepit fis-suq ħieles, konsidrat ukoll l-għan soċjali tal-miżura; (iii) id-danni materjali sofferti mir-rikorrenti ....".*

21. F'sentenza oħra fl-ismijiet **Herbert Brincat et *vs.* Avukat Ġenerali et**[14], mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, ingħad illi:

*"... il-kumpens mistħoqq lill-persuna wara li jkun instab li din ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha ma huwiex l-istess bħal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni ċivili mġarrba. Huwa minnu li Qorti Kostituzzjonali tista' tagħti bħala rimedju kemm danni pekunjarji kif ukoll danni non-pekunjarji, iżda din il-Qorti tissenjala li l-kumpens pekunjarju li jingħata fi proċeduri bħal dawn ma għandux ikun ekwivalenti għal danni ċivili ai termini tal-Artikolu 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Id-danni pretiżi huma marbuta mat-talba għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali u mal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi."*

22. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Estella sive Estelle Azzopardi et *vs.* Avukat Ġenerali et**[15], il-Qorti Kostituzzjonali rritjeniet illi,

*"... ir-rimedju li tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunitajiet mitlufa."*

23. Għalhekk il-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni dawk il-fatturi kollha li jaċċenna għalihom l-intimat Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, imma wkoll li l-ammont ta' kera li r-rikorrenti konjuġi Duca setgħu jipperċepixxu li kieku tħallew jikru il-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà, huwa ferm akbar mill-ammont attwali li huma daħħlu tul is-snin, tant hu hekk li kieku il-fond inkera fis-suq miftuħ bejn it-30 ta' April, 1987 u l-31 ta' Lulju, 2019, id-dħul totali tar-rikorrenti

[14] 27.06.2019.
[15] 30.09.2016.

konjuġi Duca kien ikun ta' madwar €225,600, u dan skont l-istimi lokatizji maħduma mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju, elenkati a *fol.* 59 tal-proċess:

| **Sena** | **€** |
|---|---|
| 1987 | 245 ġurnata (€1,929/365 x 245) = €1,294.81 / 2 = €647.40 |
| 1988-1989 | €1,929 x 2 = €3,858 / 2 = €1,929 |
| 01.01.1990-3.7.1990 | 183 ġurnata (€1,929/365 – 183) = €967.14 / 2 = €483.57 |
| 4.7.1990-31.12.1990 | €961.85 |
| 1991-1992 | €1,929 x 2 = €3,858 |
| 1993-1997 | €3,019 x 5 = €15,095 |
| 1998-2002 | €4,612 x 5 = €23,060 |
| 2003-2007 | €4,724 x 5 = €23,620 |
| 2008-2012 | €8,078 x 5 = €40,390 |
| 2013-2017 | €14,400 x 5 = €72,000 |
| 2018 | €27,600 |
| 01.01.2019-31.07.2019 | 211 ġurnata (€27,600 / 365) = €15,955 |
| **B'kollox** | **€225,600** |

meta fil-fatt id-dħul attwali kien ta’ madwar €3,147.11 kif ġej:

| **Sena** | **€** |
|---|---|
| 1987 | 245 ġurnata (€65.22 / 365) = €43.77 / 2 = €21.89 |
| 1988-1989 | €65.22 x 2 = €130.44 / 2 = €65.22 |
| 01.01.1990-03.07.1990 | 183 ġurnata (€65.22/365) = €32.69 / 2 = €16.35 |
| 04.07.1990-31.12.1990 | 182 ġurnata (€32.52) |
| 1991-2009 | €65.22 x 19 = €1,239.18 |
| 2010-2018 | €185 x 9 = €1,665 |
| 01.01.2019-31.07.2019 | 211 ġurnata = €185 / 365 = €106.95 |
| **B’kollox** | **€3,147.11** |

24. Tgħid li dawn il-fatturi kollha jikkontribwixxu għall-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tar-rikorrenti konjuġi Duca, u l-għan pubbliku li għalih ġew ippromulgati ċerti liġijiet, u għaldaqstant tikkunsidra li jirriżulta ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, li għalih għandu jitħallas kumpens mill-intimat Avukat tal-Istat f’isem l-Istat Malti.

25. Il-Qorti tafferma li d-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali, mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu

likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tenut kont tal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi. Għar-rigward tal-*quantum* tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna dejjem ġie ritenut li kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu.

26. Fil-każ odjern, għajr għall-fatt li kien hemm telf sostanzjali fil-kera li setgħet ġiet ipperċepita, ma jirriżultawx danni pekunjarji oħra li jistgħu jiġu faċilment komputati. Imbagħad il-Qorti tqis li għandhom jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, stante li l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti konjuġi Duca hija konsegwenza tal-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jindirizza din il-kwistjoni kif kellu jagħmel, u jemenda l-qafas legali li jirregola kirjiet protetti, u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordinat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn.

27. Fil-komputazzjoni tal-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti, il-Qorti tqis li fis-sentenza fl-ismijiet **Marshall and Others v. Malta**[16], ingħad illi:

> *"95. Thus, in assessing the pecuniary damage sustained by the applicants, the Court has, as far as appropriate, considered the estimates provided and had regard to the information available to it on rental values on the Maltese property market during the relevant period. It has also considered the legitimate purpose of the restriction suffered, bearing in mind that legitimate objectives in the "public interest", such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value (see, inter alia, Ghigo v. Malta (just satisfaction), no. 31122/05, § 18 and 20, 17 July 2008). In the present case however, the Court keeps in mind that the property was not used for securing the social welfare of tenants or preventing homelessness (compare, Fleri Soler and Camilleri v. Malta (just satisfaction), no. 35349/05, §18, 17 July 2008). Thus, the situation in the present case might be said to involve a degree of public*

[16] QEDB, 11.02.2020.

*interest which is significantly less marked than in other cases and which does not justify such a substantial reduction compared with the free market rental value (see, Zammit and Attard, cited above, § 75).”*

28. Il-Qorti tqis, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-mod kif il-Qorti Ewropea ddeċidiet li għandu jiġi kkalkulat il-kumpens dovut lis-sid fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Cauchi v. Malta**, liema eżerċizzju llum qiegħed ukoll jiġi applikat mill-qrati ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali, li kumpens pekunjarju fl-ammont ta’ €123,188 għandu jkun ġust u xieraq, u dan wara li mis-somma ta’ €225,600 rappreżentanti l-kirjiet stmati mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju li setgħu jiġu pperċepiti mir-rikorrenti għall-perijodu bejn it-30 t’April, 1987 u l-31 ta’ Lulju, 2019, (i) l-ewwel sar tnaqqis ta’ 30% jew €67,680 minħabba l-għan leġittimu u l-interess ġenerali tal-liġi li qiegħda tiġi attakkata, (ii) u mbagħad sar tnaqqis ieħor ta’ 20% jew €31,584 stante li l-fond mhux neċessarjament kien ser ikun mikri matul il-perijodu kollu tal-allegat ksur u bil-kirjiet kif stmati mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju; u (iii) anki tnaqqis ta’ €3,147.11 rappreżentanti l-kera perċepita matul il-perijodu kollu kif indikat iktar ’il fuq f’din is-sentenza. Il-Qorti tikkunsidra mbagħad li l-kumpens non-pekunjarju għandu jkun fl-ammont ta’ €9,150, €300 fis-sena, għall-istess ammont ta’ ġranet u fl-istess proporzjon li bih ġie kkomputat il-qligħ potenzjal tar-rikorrenti. Dawn id-danni kemm pekunjarji u dawk mhux pekunjarji għandhom jitħallsu lill-imsemmija rikorrenti konjuġi Duca mill-intimat Avukat tal-Istat.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, u tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet l-oħra stante li dawn jirriflettu d-deċiżjoni li qiegħda tingħata minn din il-Qorti;**

2) **Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti konjuġi Duca, l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att X tal-2009, u dan għal diversi snin twal, taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lil Dolores Alden u żewġha, tal-fond bin-numru mija u tlettax (113), Triq Rodolfu, Sliema, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-konjuġi Duca kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);**

3) **Tillikwida l-kumpens totali li għandu jitħallas lir-rikorrenti konjuġi Duca fl-ammont ta' mija u tnejn u tletin elf tliet mija u tmienja u tletin Euro (€132,338), rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji, u dan *ai termini* tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 319, bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.**

**Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibagħat kopja tagħha lill-Onor. Speaker tal-Kamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |